**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**
**[Spettur Sylvana Briffa]**
**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**vs**

**Simona Cordina**

**Kumpilazzjoni Numru: 878/14**

**Illum, 22 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Simona Cordina detentrici tal-karta tal-identita` numru 587390M giet akkuzata talli b'diversi atti maghmulin fi zminjiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe talli:

1. Nhar it-12 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa l-Hamrun u f'imkejjen ohra f'dawn il-Gzejjer, l-imgieba taghha ikkagunat lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija flartikolu 222(1) meta hija kienet taf jew

missha kienet taf li l-imgieba taghha se tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza';

2. U aktar talli, fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, meta hi kienet fid-dmir li tiehu l-hsieb ta' tfal, jew ta' persuni ohra li ma jkunux kapaci li jiehdu hsieb taghhom infushom, naqset li tiehu l-hsieb kif jinhtieg ta' dawn it-tfal jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet u cirkostanzi, meta hi kellha responsabbilta' ta' t-tfal taghha Shayelle Cordina, Sean Xander Portelli u Sven Portelli, liema tfal huma ta' taht it-tnax il-sena, b'atti persistenti ta' ghemil jew ta' nuqqas ta' ghemil, haqret lit-tfal jew gieghlet, jew ippermettiet il-mohqrija tat-tfal b'mezzi simili.

4. U aktar talli f'xi data u hin fil-granet ta' qabel it-12 ta' Settembru 2014, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqs ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunat offiza fuq it-tifla taghha Shayelle Cordina liema ferita hija ta' natura gravi bil-konsegwenzi msemmijin fl-Artiklu 218 tal-Kap 9 tak-Ligijiet ta' Malta hekk kif gie iccertifikat mit-tobba tal-isptar Mater Dei.

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-11 u t-12 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellha fil-pussess taghha il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-11 u t-12 ta' Settembru 2014 u fix-xhur ta' qabel din id-data, kellha fil-pussess taghha ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli, f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' qabel t-12 ta' Settembru 2014 kellha fil-pussess taghha id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-

kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuni offizi cioe ta’ Sean-Xander Portelli, Sven Portelli u Shayelle Cordina jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta’ l-protezzjoni tal-imsemmija tfal minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta’ vjolenza, tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzata.

Rat il-fedina tal-imputata li hija netta.

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li bih ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz ix-xhieda migjuba.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri gew instigati meta darba minnhom it-tifla tal-imputata u cioe' Shayelle Cordina giet ammessa l-isptar minhabba xi fratturi fir-ras u f'saqajha wara li s-sieheb tal-imputata allegatament ikkagunalha dawn il-griehi.

Minn hemm il-pulizija investigat u sabet id-dar tal-imputata fi stat hazin u abbandun kbir u ghalhekk harget l-akkuzi fost l-ohrajn tan-nuqqas ta' tharis tat-tliet (3) minuri tal-imputata u akkuzi ohra ta' pussess u tehid ta' droga.

Illi pero' mill-istqarrija tal-imputata, hija minn dejjem uriet ix-xewqa li din tigi ggwidata sabiex tiehu hsieb ahjar ta' wliedha.

Ikkunsidrat:

Illi tul dawn il-procduri din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' z-zewg ulied minuri **Sven Xander Portelli** u **Sean Xander Portelli** bil-mezz tal-*video conferencing*. Illi mill-assjem ta' dawn ix-xhieda hareg illi meta marru l-festa ta' Haz Zabbar huma t-tfal, ommhom Simona u Josef li kien is-sieheb ta' Simona, Josef iggieled ghaliex kien xurban. Sven jiddeskrivi lil Josef bhala "mahmug" u "pastaz" u ddeskrivieh li huwa ghamel lejl jixrob hdejhom u ommhom xorbot tazza wahda alkohol. Jghid ukoll illi dakinhar huma damu lejl shih barra u marru lura bil-karrozza ta' Josef u bix-xorb huwa dahal f'karrozza qabel ma waslu d-dar.

Sven irrakonta wkoll li xi perjodu qabel l-akkadut, huh Sven waddab gugarell tal-plastik forma ta' stilla u laqat ras ohtu Shayelle u kellhom johduha l-isptar.

Irrakonta wkoll illi Josef kellu kelba tar-razza Pitbull li kienet toqghod god-dar maghhom u li kienet qatlet il-qtates tieghu u li din kienet taghmel il-bzonnijiet taghha madwar id-dar kollha u kienet tkisser kollox.

Sven fix-xhieda tieghu dejjem tkellem b'mod pozittiv dwar il-mama' tieghu u jghid illi hi kienet thobbhom u kienu jaghmlu hafna affarijiet flimkien.

Rat ukoll ix-xhieda tal-*Probation Officer* **Sharlet Fabri** li kienet imqabbda mill-Qorti sabiex thejji *Social Enquiry Report* (Dok SF1 a fol 63) u fejn hemm ikkonkludiet illi:

"Simona Cordina qed tigi akkuzata talli nhar it-12 ta' Settembru 2014 kif ukoll fix-xhur ta' qabel: ikkagunat biza'; naqset milli tiehu hsieb uliedha; haqret jew ippermettiet il-mohqrija tat-tfal taghha; b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni kkagunat offiza fuq it-tifla taghha Shayelle Cordina liema ferita hija ta' natura gravi; u iktar talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru 2014 kif ukoll fix-xhur ta' qabel kellha fil-pussess taghha d-droga kannabis kif ukoll dik tal-kokaina. L-akkuzata nghatat il-helsien mill-arrest fuq garanzija personali ta' €10,000 filwaqt li tiffirma fl-Ghassa tal-Hamrun kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha bejn is-6 u s-7 ta' filghaxija u tkun irtirata f'darha bejn it-8 ta' filghaxija u t-8 ta' filghodu.

Filwaqt li l-Fedina Penali tal-imputata hija netta (irreferi **Dok. 1**), hija sostniet li m'ghandhiex iktar akkuzi pendenti ghajr dawk odjerni u li cioe' qeghdin jinstemghu kemm quddiem din l-Onorabbli Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti tal-familja. Jirrizulta wkoll li Simona Cordina qatt ma qattghet zmien gewwa xi istituzzjoni. Madanakollu, hija kienet giet addottata mir-Rumanija meta kellha sena u ftit xhur.

Filwaqt li missierha sostna li hija kellha tfulija sabiha u trobbija sew, l-imputata stqarret li t-tfulija taghha kienet ikkaretterizzata minn glied bejn il-genituri, filwaqt li qalet li kienet involuta f'diversi attivitajiet fosthom dik tal-*girl guides* fejn hija baqghet tattendi prattikament sa meta zzewget fl-eta' ta' sittax-il sena. Filwaqt li hija kellha biss zewgt itfal sa meta sseparat fl-eta' ta' dsatax-il sena, Simona kellha tarbija ohra wara.

Simona Cordina sostniet li hija thobb tkun omm tant li ma tahdimx (irreferi **Dok. 3**) biex tkun tista' ddur bihom. L-akkuzata thoss li dejjem hadet hsieb uliedha, tant li tghid li qatt ma wriet negligenza fil-konfront taghhom. Fil-fatt, l-imputata stqarret li kien f'dawn l-ahhar jiem li qatghet qalbha mix-xoghol tad-dar wara li l-kelba li kien ha s-sieheb taghha kienet thammeg hekk kif hija tnaddaf. Hija qalet ukoll li dejjem haslet, temghat, u baghtet lil uliedha l-iskola.

Hija sahqet ukoll li ma kinitx konxja tal-abbuz li kien qieghed jigi inflitt fuq bintha mis-sieheb taghha Josef Vincenti. L-imputata ziedet tghid li r-relazzjoni taghha minn mal-istess persuna ntemmet dakinhar stess wara li giet mgharrfa bl-akkuzi li kienu qed jingiebu fil-konfront tieghu. Filwaqt li hija kellha diversi relazzjonijiet matul dawn l-ahar snin, Josef kien l-ewwel persuna li mar jghix maghha u ma' wliedha filwaqt li f'zewg cirkostanzi ohra, marret tghix ma' guvni flimkien mat-tfal.

Fir-rigward tad-droga, Simona sostniet li minkejja li hija gieli ghamlet uzu mis-sustanza tal-kokaina, hija qatt ma kellha problema ta' dipendenza ghaliex l-uzu taghha dejjem kien wiehed kazwali u rari. Hija attendiet ghal laqgha gewwa l-Agenzija Sedqa fejn gie stabbilit li m'ghandhiex problema ta' dipendenza mid-droga. L-imputata sostniet li l-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru 2014 kien l-ewwel darba li hija abbuzat mis-sustanza tal-

kannabis. Kuntatti mal-agenziji li jahdmu kontra l-abbuz tad-droga zvelaw li Simona Cordina qatt ma ghamlet uzu mis-servizzi offruti minnhom (irreferi **Dok.4, Dok.5**, u **Dok.6**). Kampjun tal-urina li ttiehed nhar it-2 t'Ottubru 2014 gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole irrizulta fin0negattiv ghas-sustanza lleciti kollha.

Meta kkuntattjata, is-*social worker* fi hdan l-Agenzija Appogg irrimarkat li gew innutati diversi nuqqasijiet min-naha ta' Simona Cordina, u sostniet li ghalkemm l-ikkoncernata tghid li tahsel u titma' lil uliedha, hemm aspetti ohra importanti fil-hajja tat-tfal li hija tonqos fihom. Min-naha l-ohra, is-*social worker* inkarigata minn Sean-Xander u Sven Portelli gewwa l-Kullegg San Gorg Preca (irreferi **Dok.7**) stqarret li filwaqt li t-tifel iz-zghir ghadu maghluq fih innifsu, il-kbir jitkellem fil-pozittiv dwar ommu, ghalkemm iktar ma jghaddi z-zmien inqas isemmiha. Ta' min jghid li minkejja li huma vittmi fil-kaz odjern, ulied is-Sa Cordina ma gewx intervistati wara konsultazzjoni mas-*social workers* hawn fuq imsemmija.

Mill-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, jirrizulta li Simona Cordina kienet esposta ghal diversi esperjenzi f'hajjitha f'eta' zghira. Hija kellha tiehu rwoli ta' responsabbilta' meta xi drabi ma kellhiex sehem fid-decizjonijiet mehuda. Fil-fatt, ir-reati li hija tinsab akkuzata bihom u anke' s-sitwazzjonijiet li wasslu ghalihom huma sforz l-immaturita' li giet innutata fl-ikkoncernata.

Finalment, Simona Cordina kkoperat bis-shih mal-Ufficjal tal-Probation matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport. F'intervista mal-Ispettur Sylvana Briffa, gie suggerit li f'kaz ta' htija, ikun idoneu li l-imputata tinghata sentenza li tinkludi supervizjoni sabiex tinghata l-ghajnuna necessarja u dan ikun ta' beneficcju kemm ghaliha kif ukoll ghal uliedha."

Semghet ukoll ix-xhieda tas-*Social Worker* **Amanda Muscat** fejn hija spjegat is-sitwazzjoni familjari tal-imputata meta kienet qieghda toqghod ma' Josef Vincenti u spjegat illi dakinhar tat-tnax (12) ta' Settembru elfejn u erbatax (2014) hija rceviet telefonata mill-isptar fejn irrapurtawlha li Shayelle Cordina kienet iddahhlet l-isptar u minn hemmhekk kompliet issegwi l-familja kollha.

Hija tghid illi marret fid-dar tal-Hamrun tal-imputata fejn hemmhekk sabu fi kliemha:-

> *"kien hemm riha qawwija ta' urina, kien hemm hafna urina mal-art ukoll hmieg tal-kelb b'mod partikulari f'post partikulari fejn kien jinzamm il-kelb fejn kien hemm skuzi l-hmieg li jidher li kien ilu zmien twil hafna. Mad-dar kollha kien hemm hafna kontenituri mimlijin rmied tas-sigaretti, jigifieri wahda minnhom propju kienet fejn il-cot ta' Shael. Kien hemm il-lozor tat-tfal kienu mahmugin kif ukoll tal-minuri Shael u l-cot ma kellhiex bumpers mal-cot kollha, kien hemm sikkina mal-art fil-kamra tas-subien, kien hemm ukoll anke sanitary pad uzata fuq ashtray fil-kamra tas-subien ukoll. Kien hemm qisu hafna hmieg ma' kullimkien u mbarazz li juri qisu hafna telqa. Kien hemm ikel ukoll f'xi kmamar li ma kienx ittiekel sahansitra kien hemm platt zghir mimli moffa kien. Kien hemm dizorganizzazzjoni shiha fid-dar, anke l-purtieri li jifirdu kamra minn ohra kienu jidhru mahmugin u li kienu ilhom ma jinhaslu".*

Ikkunsidrat illi fil-mori ta' dawn il-proceduri il-minuri Shayelle Cordina regghet integrat ruhha fid-dar familjari flimkien ma' ommha Simona u z-zewg hutha Sven u Sean;

Ikkunsidrat ukoll illi l-imputata regghet lura mal-ex ragel taghha Portelli u qed jghixu flimkien bhala familja bil-ghan ukoll illi r-ragel jadotta l-minuri Shayelle;

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputata **Simona Cordina** li tat rendikont tal-lejl meta marru l-festa ta' Haz Zabbar u fejn hija rrakkontat kif kien qed igib ruhu Josef; li dak iz-zmien kien il-konvivent taghha; tghid illi dan kien qed jixrob hafna u anke beda jpejjep xi *smoke*. Hija tghid ukoll illi hi kullma kienet xorbot kien vodka bil-*coke* u anke pejjpet *joint* ukoll. Tghid illi t-tfal dak il-hin kienu jilghabu fl-akkwati u ma rawhomx ipejjpu.

Mix-xhieda taghha hareg ukoll illi hija verament tixtieq il-gid tat-tfal taghha u kif qalet il-*probation officer* Sharlet Fabri fix-xhieda taghha, hija ghandha bzonn biss li xi hadd jghinha u jaghtiha direzzjoni;

Ikkunsidrat illi llum il-gurnata l-imputata qabdet triq tajba u ghalhekk certament haqqha *a window of opportunity* sabiex dak li kisbet wara hafna tbatija ma titilfux;

Illi madanakollu mhux l-akkuzi kollha fil-konfront tal-imputata ma gew ippruvati u dan ghaliex ghall-ewwel (1) akkuza ma giex ippruvat illi l-imputata bezghet li ser tuza vjolenza kontra xi hadd. A rigward it-tielet (3) akkuza ugwalment ma gietx ippruvata ghaliex sabiex din l-akkuza tirnexxi trid ikun azzjoni diretta ta' mohqrija kontra l-minuri li f'dan il-kaz ma kienx hemm. A rigward ir-raba' (4) akkuza ma giex ippruvat li l-imputata ikkagunat offiza gravi fuq bintha Shayelle l-anqas b'xi traskuragni jew nuqqas ta' hila. Illi s-sitt (6) u s-seba' (7) akkuzi ugwalment ma gewx ippruvati stante li ma giex ippruvat li kienet fil-pussess taghha r-raza tal-kannabis fid-dati inkwistjoni u wisq aktar id-droga kokaina.

Ghal dak li jirrigwardja t-tieni (2) akkuza gie ppruvat li kien hemm nuqqasijiet mill-imputata f'dak li jirrigwardja d-dmir li kellha tiehu hsieb it-tfal taghha b'mod tajjeb u dan anke kif xehdet is-*social worker* tal-Appogg ta' kif sabet id-dar taghha u kif kienu t-tfal f'dak iz-zmien meta l-imputata kienet tghix ma' Josef Vincenti. Ugwalment jinghad ghall-hames (5) akkuza fejn l-imputata stess ammettiet li kienet pejjpet l-*ismoke* dakinhar meta kienu l-festa taz-Zabbar.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 247A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Simona Cordina hatja biss tat-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi u minflok tinfliggi pieni tpoggi l-imputata taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena (1), filwaqt li tilliberaha mill-akkuzi l-ohra kollha stante li ma gewx ippruvati.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**